**Il-Karta tal-Eżami Annwali tas-7 u t-8 sena - Ġunju 2020 -**
**Il-Malti u l-Malti bħala Lingwa Barranija**

It-Taqsima tal-Malti tad-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar qed toħroġ gwida ta' kif se tkun imfassla l-karta tal-eżami tas-7 sena skont is-sillabu l-ġdid.

Din il-gwida tidħol fis-seħħ għall-eżami annwali ta' Ġunju 2020.

L-eżami tas-seba' u t-tmien sena se jkun maqsum f'żewġ sessjonijiet: il-karta tal-oral (10 minuti) u l-karta tal-kitba (sagħtejn).

1. L-Oral (15-il marka) - Dan isir f'sessjoni għalih f'ġurnata differenti.

2a. Il-Fehim mis-Smigħ (10 marki)
2b. Il-Qari u l-Kitba (75 marka)
} Dawn it-tnejn se jsiru f'karta waħda li flimkien jammontaw għal 85 marka.

**L-Oral**

Se jikkonsisti:

i. f'qari ta' paragrafu li jagħżel l-eżaminatur minn test fattwali jew letterarju ta' bejn 150-200 kelma (5 marki);
ii. tweġib u diskussjoni fuq il-mistoqsijiet marbuta mat-test moqri (5 marki);
iii. diskussjoni fuq tema/argument, li tista' tkun megħjuna bl-użu tal-istampi (5 marki).

L-istudenti se jagħżlu bejn żewġ karti u jingħataw 10 minuti ta' preparazzjoni qabel. Huma jistgħu jniżżlu xi noti fuq karta separata pprovduta mill-iskola biex jintużaw waqt il-mistoqsijiet u d-diskussjoni.

**Il-Fehim mis-Smigħ**

Se jikkonsisti f'rikording ta' silta waħda fattwali jew letterarja. L-istudenti jridu jwieġbu tipi differenti ta' mistoqsijiet li jkollhom fuq il-karta skont il-kisbiet. Bid-differenza għal rotot l-oħra, is-silta ta' Rotta 1 se tkun maqsuma f'żewġ partijiet u l-istudenti jisimgħu l-ewwel parti u jwieġbu fuqha u jsir l-istess ħaġa għat-tieni parti.

Ir-rikording ikun biss tat-test u jissemma' darbtejn. Il-mistoqsijiet ma jinqrawx fir-rikording, madankollu l-istudenti jingħataw ftit ħin qabel jibda l-qari tat-test biex jiffamiljarizzaw ruħhom mal-mistoqsijiet, u jkunu jistgħu jieħdu wkoll xi noti waqt is-smigħ kif ukoll iwieġbu l-mistoqsijiet waqt il-qari.

Dawn l-istruzzjonijiet se jingħataw lill-inviġilaturi fuq kopja ta' skript, li jrid jintuża jekk jinqalgħu xi problemi tekniċi, u r-rikording ma jkunx jista' jissemma'. Istruzzjonijiet oħra marbuta mal-aċċess tar-rikording jingħataw iktar 'il quddiem mill-EAU.

Il-parti tal-fehim mis-smigħ għandha ssir fl-aħħar kwarta tal-eżami.

**Il-Qari u l-Kitba**

Se tkun tikkonsisti minn:

i. taħriġ il-fehem bil-mistoqsijiet fuqha, li tinkludi wkoll l-eżerċizzju/i tal-għarfien il-lingwa (20 marka);

ii. Eżerċizzji tal-erba' aspetti tal-metalingwa f'kuntest (10 marki);

iii. Fil-parti tal-kitba kreattiva, l-istudenti se jingħataw żewġ ġeneri tal-kitba twila minn fejn jagħżlu, b'żewġ titli għal kull ġeneru. Il-kriterji tal-kitba se jkunu dawk użati fl-assessjar kontinwu. L-istudenti jridu jagħżlu u jiktbu fuq titlu wieħed (25 marka);

iv. Fil-parti tal-letteratura se jkun hemm żewġ taqsimiet: l-apprezzament letterarju (unseen text) tal-poeżija (10 marki) u oħra tal-proża (10 marki). F'din it-taqsima, mhux se jkun hemm għażla, u l-istudenti jridu jwieġbu kollox.

   L-istudenti se jwieġbu xi mistoqsijiet li jittrattaw il-kontenut, ir-referenza għat-test, l-interpretazzjoni u l-evalwazzjoni tal-poeżija u n-novella, il-metrika jew il-prosodija misjuba fihom, u l-effetti li jinħolqu permezz tagħhom. F'kull taqsima, l-istudenti se jingħataw mistoqsija waħda li jridu jagħtu l-fehma u r-reazzjoni tagħhom fit-tul (għal Rotta 1: 40 kelma - 7 sena u 50 kelma - 8 sena, Rotta 2: bejn 50 kelma - 7 sena u 60 kelma - 8 sena, u Rotta 3: 60 kelma - 7 sena u 70 kelma - 8 sena) għal dak li jkunu qraw.

Dawn id-dettalji flimkien mat-tweġibiet se jkunu qegħdin jidhru fl-iskema tal-marki li toħroġ għal kull rotta.

Għall-karta tal-eżami tal-Malti bħala Lingwa Barranija, wieħed għandu jara d-dokument dwar l-Assessjar Summattiv fis-sit tal-malti.skola.edu.mt f'din il-ħolqa:

**https://malti.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2018/08/L-Assessjar-Summattiv-MLB.pdf**

Dawk l-għalliema li jkollhom xi mistoqsijiet jew diffikultajiet għandhom jitkellmu mal-Kap tad-Dipartiment tal-kulleġġ jew mal-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti.